**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Mark Cremona)

**Vs**

**Ahmed Ismael Brarakat**

Illum, 3 ta' Ottubru 2023

**Il-Qorti:**

Rat li Ahmed Ismael Brarakat, ta' Nazzjonalita Palestinjana, ta' tlieta u ħamsin (53) sena, iben Ismael u Hakima, mwieled nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sebgħin (1970), residenti ġewwa 4, Holy Trinity, Fl 5, Triq l-Għabex, Marsa u detentur tal-permess ta' residenza 30676A ġie akkużat talli nhar (17) ta' Lulju elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Triq Ħal-Qormi il-Marsa, Malta:

"...
1. Ghamel falsifikazzkjoni f'att awtentiku pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonljiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozlzzjonijtet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk I-atti jew skritturi wara Ii kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk I-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.
Art 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu.
Art 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ipprovda taghrif falz.
Art 188 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ... *"*

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tordna il-konfiska tal-corpus delicti, u ta' dawk l-istrumenti kollha użati jew maħsuba li jiġu użati fil-kommissjoni ta' kwalunkwe reat u ta' dak kollu li ġie miksub minn tali reat, inkluż l-armi u/jew għodda li ġew użati jew li setgħu ġew użati fil-kors ta' tali reat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill- akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Prosekuzzjoni eżebiet il-fedina penali tal-imputat u kopja tal-permess ta' residenza talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skont il-Liġi.

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u li waqt is-seduta li saret illum l-Qorti Istruttorja fissret lill imputat l-effetti ta' dan il-kunsens, kif ukoll li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, u dan wara li l-Qorti tatu żmien xieraq u l-fakultà li jikkonsultaw mal-avukat tiegħu. B' hekk il-Qorti Istruttorja ai termini tal-Artikolu 370(4) ikkonvertiet ruħha u saret kompetenti li tittratta l-każ tal-imputat u li tagħti s-sentenza minnufih.

Rat li wara li sar l-eżami tal-imputat waqt is-seduta tal-lum huwa ammetta l-imputazzjonijiet, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan issospendiet il-kawża, meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Il-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali netta tal-imputat, kif ukoll li skont l-uffiċjal prosekutur l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-pulizija.

Il-Qorti hija tal-fehma li peress li skont l-imsemmija fedina penali din hija l-ewwel darba li l-imputat xellef subajh mal-ġustizzja, piena karċerarja effettiva ma tilħaqx il-għan meħtieġ, cioé dak tar-riforma tal-imputat.

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 183, 184 u 188 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 533, u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, il-Qorti ssib lill-imputat Ahmed Ismael Brarakat, detentur tal-permess ta' residenza 30676A, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal-piena ta' sena (1) priġunerija, u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

Il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ikkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

Il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jikkordina u jissorvelja d-distruzzjoni tad-dokument esibit fol 13 tal-atti proċesswali.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------